MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 188/2007

**Maltacom Plc C2234**
**vs**

**Zineddin Samir (ID225000A)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ seba’ mija tnejn u sittin Liri Maltin u disgha u disghin centezmi (LM762.99) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21647836 (A/C10169949 CN1056420) liema servizz gie installat fil-fond bl-isem ufficjali 15, Triq is-Summien, Safi skond diversi kontijiet mibghuta lilhom skond kif jirrizulta minn dokumenti annessi mat-talba:

- IZY1 ftehim ghas-servizz relattiv
- IZY2 ftehim dwar is-servizz telefoniku
- IZY3 prospett ghas-servizz relattiv

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadmepjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-Ispejjez u imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut ipprezentat mill-Avukat Ingrid Zammit Young fl-1 ta' Ottubru, 2007;

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------